MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Numru 800/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**VS**
**JOSEPH CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Camilleri ta’ 38 sena, iben Paul u Teresa nee’ Caruana, imwieled Pieta’ nhar l-1 ta’ Frar, 1972, residenti Flat 1, Sunset Court, Triq Mons Anton Cilia, Zebbug u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 110672(M).

Illi huwa akkuzat talli:

1. Fil-lejl bejn il-21 u t-22 ta’ Lulju, 2010, u/jew matul dawn l-ahhar gimghat, f’dawn il-gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali,

Magistrat, Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., b'digriet datat 21 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet, fosthom li jirrinkaza ruhu gewwa r-residenza fejn joqghod, bejn id-9:00p.m. u s-7:00a.m.;
2. Irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment, mitluba sabiex mall-piena applikabbli ghall-istess reat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest tat-21 ta' Ottubru, 2008 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Joseph Camilleri. Kif ukoll, tordna s-somma ta' tlett elef euro (€3000), bhala garanzija personali sabiex taghmel tajjeb ghal beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tiproduci kwalunkwe sentenza mghoddija fil-konfront ta' l-imputat, kif ukoll naqset illi tiproduci x-xhieda ta' l-identita' dwar l-istess sentenzi ghaldaqstant il-Qorti ma ghandiex alternattiva ghajr illi tilliberah mit-tieni akkuza.

Illi l-Qorti rat illi l-imputat Joseph Camilleri ammetta ghall-ewwel (1) akkuza u rega' tenna l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti akkordatlu zmien ghal ripensament. Illi fuq l-istess

ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza illi minnha tilliberah u wara li rat l-Artikoli 579 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal xaharejn prigunerija.**

In oltre', l-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas is-somma ta' tlett elef euro (€3000) - somma illi l-imputat kien marbut li jiggarantixxi fid-digriet tal-liberta' provisorja – liema somma ghandha tithallas b'rati mensili fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* l-liberta provisorja ta' l-imputat skond id-digriet taghha datat 28 ta' Ottubru 2008 u tordna r-re arrest immedjat tieghu.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fedina penali refrattarissima ta' l-imputat li ma tammettix ghal piena alternattiva minn dik ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------